MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2008

Citazzjoni Numru. 1682/1996/1

**IL-KORPORAZZJONI TELEMALTA**, u b'degriet tal-1 ta' Frar, 1999, Maltacom p.l.c. (illum GO p.l.c.) assumiet l-atti tal-kawża

vs

Joseph **NAVARRO**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fl-20 ta' Mejju, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra l-kumpannija attriċi talbet li l-Qorti (a) tikkundanna lill-imħarrek iħallasha s-somma ta' elf erba' mija u ħames liri Maltin u sebgħin ċenteżmi (Lm 1,405.70)[1] dovuta bħala użu, kera ta' linja, u xogħlijiet "*extra*" magħmulin minnha b'rabta mal-għoti ta' servizz telefoniku bin-numru 312476 (qabel 39310) li kien ġie stallat minnha fl-appartament numru tnejn (2), "*Navarro*

[1] Li jġibu € 3,274.40 fi flus tal-lum

*Flats*", Triq il-Qroqq, Msida, fuq talba tal-istess imħarrek. Talbet ukoll l-ispejjeż, it-taxxa għall-valur miżjud u l-imgħaxijiet;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek Navarro fl-1 ta' Novembru, 1998, li biha laqa' għat-talba attriċi billi qal li ma huwa dovut lebda ħlas għaliex m'huwiex minnu li saru l-għadd ta' telefonati li jissemmew, u jekk kemm-il darba tassew ġew reġistrati daqstant *pulses*, dawn tabilfors jew saru minn terzi minn barra l-post jew inkella seħħew b'riżultat li s-sistema telefonika tal-kumpannija attriċi kienet taħdem ħażin. Huwa laqa' wkoll billi qali li l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni taħt l-artikolu 2148(f) u 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tal-24 ta' Ottubru, 1997[2], li bih ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat li l-kawża reġgħet tqiegħdet għas-smigħ wara talba li saret b'rikors imressaq mill-kumpannija attriċi f'Novembru tal-1997;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tas-27 ta' Jannar, 1999[3], li bih reġgħet ħalliet il-kawża *sine die*;

Rat li l-kawża reġgħet tqiegħdet għas-smigħ wara talba li saret b'rikors imressaq mill-kumpannija attriċi f'Jannar tal-1999;

Rat in-Nota mressqa mill-imħarrek fl-1 ta' Diċembru, 2000[4], li biha huwa rtira t-tieni eċċezzjoni tiegħu (jiġifieri dik dwar il-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar taħt l-artikolu 2148(f) tal-Kodiċi Ċivili);

Rat is-sentenza mogħtija fit-8 ta' Ottubru, 2001[5], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija din il-Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet it-tielet eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni tal-ħames snin;

[2] Paġ. 30 tal-proċess
[3] Paġ. 41 tal-proċess
[4] Paġ. 99 tal-proċess
[5] Paġġ. 103 – 7 tal-proċess

Semgħet ix-xhieda mressqin mill-imħarrek;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' April, 2005[6], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat li l-ebda waħda mill-partijiet ma ressqet is-sottomissjonijiet tagħha;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukat tal-imħarrek;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-31 ta' Jannar, 2007, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' kreditu mnissel minn għoti ta' servizz telefoniku f'post tal-imħarrek. Il-kumpannija attriċi tgħid li l-imħarrek għandu jagħtiha €3,274.40 bħala arretrati tal-kiri ta' servizz telefoniku bin-numru 312476 (u li qabel kien 39310) għaż-żmien qabel Diċembru tal-1990 sa Marzu tal-1995[7];

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrek laqa' kemm billi qal li l-azzjoni attriċi kienet waqgħet bil-preskrizzjoni (liema eċċezzjonijiet ma ntlaqgħux jew ma kompliex jisħaq dwarhom), u kif ukoll billi qanqal id-dubju dwar kemm il-qari reġistrat kien wieħed minnu u kemm il-kont mibgħut għandu mis-sewwa;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fi Frar tal-1975[8], l-imħarrek talab li s-servizz telefoniku (dak iż-żmien bin-numru 39310) jitneħħa mill-post numru 35, Triq in-Nażżarenu, tas-Sliema, u jittieħed fl-appartament numru 2, li jagħmel minn blokka bl-isem ta' "*Navarro*

[6] Paġ. 176 tal-proċess
[7] Xhieda ta' Paul Busuttil 2.10.2003, f'paġ. 151 tal-proċess
[8] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess

*Flats*", fi Triq il-Qroqq, Msida. Is-servizz telefoniku kien jintuża għal post li fih wieħed jgħix. It-talba ntlaqgħet u matul l-1976 sar it-trasferiment mitlub. Sal-1990 l-imħarrek kien waqa' lura fil-ħlasijiet fis-somma ta' Lm 512.16[9].

Illi mill-aħħar tliet xhur tal-1990, sa Settembru tal-1991, ġew reġistrati b'kemm jiswew Lm 2,201.35[10] f'*pulses* telefoniċi mill-imsemmi post. Minn dawn il-*pulses*, jidher li fix-xahar ta' Marzu waħdu, ġew reġistrati mija u tmienja (108) telefonati li saru għal barra minn Malta, u kienu jitilgħu b'kollox għal Lm 42.44[11]. Bejn l-aħħar tas-sena 1990 sa tmiem Marzu tal-1991, kienu reġistrati 'l fuq minn sittax-il elf u wieħed u sittin (16,061) telefonata[12], filwaqt li sa tmiem Settembru tal-1991, l-għadd ta' telefonati reġistrati kien tela' għal tnejn u ħamsin elf, mija u disgħa u tmenin (52,189);

Illi l-kumpannija attriċi bagħtet il-kontijiet lill-imħarrek. F'Lulju tal-1991[13] l-imħarrek (li kien qiegħed jikteb f'isem kumpannija bl-isem ta' J. Navarro & Sons Limited fuq *letter-head* li turi li l-post kien il-"*head office*" tal-istess kumpannija u n-numru telefoniku kien 312476) bagħat jilmenta mal-kumpannija attriċi dwar l-imsemmi kont u dan billi qal li s-servizz kien aktar qiegħed ikun maqtugħ milli jaħdem. F'xi żmien matul l-1992, it-tagħmir telefoniku fil-post tal-imħarrek inbidel;

Illi f'Ottubru tal-1992, il-kumpannija attriċi qatgħet il-linja tal-imħarrek[14]. Fi tmiem dak ix-xahar[15], reġa' kitbilha permezz tal-avukat tiegħu biex jikkontesta l-kontijiet għoljin li nħarġu, l-iżjed meta wieħed iqabbilhom mal-konsum fiż-żminijiet ta' qabel. F'Novembru tal-1992[16], bord tal-appelli imqabbad apposta biex jistħarreġ l-ilmenti tal-imħarrek sab li kellu jsir aġġustament fil-konteġġi dwar l-ogħla erba' qari matul iż-żmien kontestat billi jitqies li

[9] Li jġibu € 1,193 fi flus tal-lum
[10] Li jġibu € 5,127.77 fi flus tal-lum
[11] Dok "JN1", f'paġ. 66 tal-proċess
[12] Dok f'paġ. 98 tal-proċess
[13] Dok "JN2", f'paġ. 68 tal-proċess
[14] Dok "NS1", f'paġ. 115 tal-proċess
[15] Dok "AI", f'paġġ. 23 – 4 tal-proċess
[16] Dok "NS1", f'paġġ. 116 – 7 tal-proċess

saru 5541 telefonata kull tliet xhur. B'hekk tnaqqas l-għadd ta' telefonati meqjusa li saru min-numru tal-abbonat. Din id-deċiżjoni qabel magħha ċ-*chairman* tal-kumpannija fit-18 ta' Diċembru, 1992[17]. F'Diċembru tal-1992[18], il-kumpannija attriċi qablet li tilqa' l-ilment tal-imħarrek u tatu kreditu ta' Lm 1347.61[19]. L-imħarrek reġa' kiteb f'Jannar tal-1993[20] biex jilminta li, minkejja t-tnaqqis, il-kont kien għadu għoli, u talab li terġa' ssir reviżjoni oħra li taqbel mal-medja tal-kontijiet li kienu jitħallsu qabel ma seħħet il-ħsara fit-tagħmir telefoniku;

Illi f'Marzu tal-1996, il-kumpannija attriċi bagħtet titlob il-ħlas mingħand l-imħarrek b'ittra uffiċjali[21]. Il-kawża nfetħet f'Mejju ta' dik l-istess sena;

Illi l-konsiderazzjonijiet ta' xejra legali marbuta mal-każ jirrigwardaw l-iżjed is-siwi tal-ammont mitlub mill-kumpannija attriċi, u dan fid-dawl tal-allegazzjoni tal-imħarrek li l-kont ma kienx juri s-sewwa. Biex isir apprezzament xieraq tal-pożizzjoni taż-żewġ partijiet, il-Qorti jeħtiġilha tifli sewwa l-provi mressqa li, f'dan il-każ, kienu fil-biċċa l-kbira minnhom mogħtija min-nies li jaħdmu jew li kienu jaħdmu mal-kumpannija attriċi, ukoll jekk ittellgħu bħala xhud tal-imħarrek;

Illi mill-provi li ħarġu minn dawk ix-xhieda, joħroġ ċar li kien hemm żmien meta s-sistema fil-linja telefonika tal-imħarrek "irvellat", u kien qiegħed jiġri xi ħaġa li ma kinitx normali għalih bħala abbonat tal-kumpannija attriċi, wkoll meta wieħed iqis il-konsum u l-għamla ta' servizz li kien isir mil-linja telefonika partikolari qabel ma nqalgħu dawn l-episodji. Il-biċċa mbagħad żiedet tikkomplika ruħha minħabba aspetti tekniċi li ħadd donnu ma kien f'qagħda li jfisser sewwa l-kawża tagħhom;

Illi huwa prinċipju milqugħ li f'każ ta' żewġ verżjonijiet li jmorru kontra xulxin u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli jew possibbli, dan il-fatt għandu jmur kontra l-parti li tkun

---

[17] Dok "NS1", f'paġ. 118 tal-proċess
[18] Dok "BI", f'paġ. 25 tal-proċess
[19] Li jġibu € 3,139.10 fi flus tal-lum
[20] Dok "PB7", f'paġ. 161 tal-proċess
[21] Dok "NS1", f'paġġ. 55 – 6 tal-proċess

allegat il-fatt, u dan bi tħaris tar-regola ewlenija proċedurali li *onus incumbit ei qui dixit*[22]. Imma mhux kull konflitt ta' provi għandu jwassal lill-Qorti biex ma tistax tasal bil-fehmiet tagħha għal soluzzjoni tal-kwestjoni, jekk kemm-il darba hija tasal biex tqis li xi waħda minn dawk il-verżjonijiet hija iżjed ta' min joqgħod fuqha mill-oħra[23]. Dan għaliex, fil-qasam tal-azzjoni ċivili, l-kriterju li jwassal għall-konvinċiment tal-ġudikant għandu jkun li l-verżjoni tinstab li tkun waħda li l-Qorti tista' toqgħod fuqha u li tkun tirriżulta bis-saħħa ta' xi waħda mill-għodda proċedurali li l-liġi tippermetti fil-proċess probatorju. Sakemm il-prova li tkun hija rilevanti għall-każ[24], ma jagħmilx differenza jekk dik il-prova tieħux is-sura ta' xhieda bil-fomm jew ta' dokument li jixħet dawl fuq l-aspett partikolari tal-każ[25]. Fit-twettiq ta' eżerċizzju bħal dak, il-Qorti hija marbuta biss li tagħti motivazzjoni kongruwa li tixhed ir-raġunijiet u l-kriterju tal-ħsieb li hija tkun ħaddmet biex tasal għall-fehmiet tagħha ta' ġudizzju fuq il-kwestjoni mressqa quddiemha[26];

Illi, madankollu, f'dan il-każ joħorġu ċari żewġ ċirkostanzi ewlenin li fuqhom il-Qorti tista' sserraħ il-fehmiet tagħha. L-ewwel waħda hi li, fiż-żmien in kwestjoni, is-sistema telefoniku kollu f'Malta kien qiegħed juri ċediment sħiħ b'għadd kbir ta' ilmenti u ħsarat fis-servizz[27]. Dan kien iż-żmien meta s-sistema kollu nbidel minn dak mekkaniku magħruf bħala l-i*Strouger*, għal sistema modern diġitali ta' telefonija. It-tieni ċirkostanza hi li l-istrutturi nfushom fi ħdan il-kumpannija attriċi nnifisha għarfu li l-ilmenti tal-imħarrek kienu mistħoqqa[28]. Dan intwera b'żewġ modi: l-ewwel billi l-kumpannija, wara għadd ta' tentativi biex tipprova ssib tarf tal-kawża tal-ħsarat, qatgħetha li tibdel it-tagħmir mikri lill-imħarrek; it-tieni waħda, iżjed sinjifikativa, kienet meta l-Bord tal-Appelli qabel li l-imħarrek kellu jingħata kreditu f'somma li kienet tilħaq bejn wieħed u ieħor nofs il-kont li dak iż-żmien l-istess

---

22 P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Ġiordmaina Medici et vs William Rizzo et***
23 P.A. PS **28.4.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ġiantar vs David Curmi noe et***
24 Art. 558 tal-Kap 12
25 App. Inf. **15.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vodafone Malta Limited vs Mark Vella***, u App. Ċiv. **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Iris Dalmas vs Mons. Joseph Dalmas et***
26 App. Inf. **9.1.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Mifsud et vs Victor Calleja et***
27 Ara x-xhieda ta' Joseph Ċilia 25.1.2005, f'paġġ. 171 – 2 tal-proċess
28 Xhieda ta' Joseph Demarco 2.10.2003, f'paġ. 155 tal-proċess

kumpannija kienet tippretendi li l-imħarrek iħallasha. Ir-raġuni mogħtija bħala dik li wasslet għal tali deċiżjoni kienet li l-linja kellha "*fault*";

Illi fid-dawl ta' dawn iċ-ċirkostanzi kollha joħroġ allura li l-kumpannija attriċi trid tipprova wkoll li dak li issa qiegħda tippretendi mingħand l-imħarrek huwa mistħoqq. Fis-sewwa jrid jingħad li l-imħarrek ma jgħidx li l-ebda parti mill-ammont mitlub m'huwa dovut, imma jgħid li minkejja d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli, l-ammont bilanċjali xorta waħda jibqa' wieħed għoli. L-imħarrek jindika li huwa kien lest li jħallas kont li jqarreb lejn il-kontijiet li kienu jinħarġu qabel ma feġġet il-ħsara u wara li kien inbidel it-tagħmir. Huwa jindika kontijiet qrib il-mija u sbatax-il ewro (€117) kull tliet xhur[29]. L-imħarrek ma wera qatt lill-Qorti xi kontijiet imħallsin minnu li jikkonfermaw dik l-allegazzjoni tiegħu. Jibqa' wkoll il-fatt li ma jidhirx li huwa qatt għadda biex offra jew iddepożita kontra l-kumpannija attriċi s-somma li kien jidhirlu xierqa;

Illi għalhekk il-Qorti trid tfittex is-soluzzjoni xierqa mill-provi mressqa. Dan qiegħed isir għaliex għalkemm is-somma mitluba mill-kumpannija attriċi hija dik li tirriżulta wara t-tnaqqis kien ordna li jsir il-Bord tal-appelli, ma ngħatatx tifsira tajba biżżejjed biex tneħħi kull dubju li, minkejja dak it-tnaqqis, il-kont li l-imħarrek qiegħed jintalab iħallas jirrifletti tassew dak minnu dovut. Kif ingħad, iżda, lanqas ma jfisser dan li t-talba attriċi jmissha titwarrab kollha, għaliex għalkemm fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu l-imħarrek jgħid li "ebda ammont ma huwa dovut", matul is-smigħ tal-kawża jidher li wasal biex stqarr li l-kwestjoni hi li l-kont huwa għoli, mhux li m'għandu jħallas xejn;

Illi l-Qorti ssib li, wara li fittxet u qrat b'reqqa l-provi mressqa – kemm b'xiehda u kemm dawk dokumentali – tista' tasal għall-kejl xieraq billi toqgħod fuq it-tagħrif mogħti minn wieħed mix-xhieda li, għalkemm imtella' bħala xhud tal-imħarrek, kien għal żmien twil jaħdem mal-kumpannija attriċi, huwa wieħed mill-uffiċjali tat-taqsima rilevanti fi ħdan l-istess kumpannija u midħla sewwa tas-

[29] Xhieda tiegħu 24.5.2000, f'paġ. 82 tal-proċess

sistemi ta' konteġġi u l-ilmenti tal-abbonati tal-istess kumpannija. Ix-xhieda mogħtija minn Paul Busuttil[30] tagħti lill-Qorti stampa li tista' timxi fuqha dwar iċ-ċirkostanzi tal-kumpannija attriċi in ġenerali u tal-imħarrek in partikolari. Ma' dawn, imbagħad, tista' ssir riferenza għall-prospett li jagħti tagħrif dwar il-moviment tal-kont tal-imħarrek fiż-żmien bejn Settembru tal-1989 u Marzu tal-1992[31];

Illi minn dak id-dokument (moqri flimkien mad-Dokument "B"[32] mehmuż mad-Dikjarazzjoni maħlufa tal-kumpannija attriċi) għandu jirriżulta li fis-sitt (6) perjodi ta' tliet xhur ta' qabel u ta' wara ż-żmien tal-kontijiet ogħla, il-medja ta' *pulses* kull tliet xhur kienet ta' elf tliet mija u sittax (1,316)[33]. Dan jiġi qrib kwart taċ-ċifra li l-Bord tal-Appelli qatagħha li jikkalkola li kienu l-għadd ta' telefonati "ridotti" dwar kull wieħed mill-perjodi ta' tliet xhur li dwarhom l-imħarrek kien ilminta. Għalhekk, il-Qorti sejra tqis li tul iż-żmien kollu relattiv għall-kont mertu tal-każ, l-imħarrek irreġistra 1316 *pulse* kull tliet xhur. Jekk wieħed iqabbel dan l-għadd mal-ammont mitlub fiċ-Ċitazzjoni (wara li jitnaqqas il-kreditu mogħti mill-Bord tal-Appelli, u l-ħlasijiet akkont li kien laħaq għamel l-imħarrek), jasal għall-ammont ta' erba' mija u tlieta u sittin ewro u tmenin ċenteżmi (€ 463.80)[34]. Ma' dawn għandhom jiżdiedu € 1193 rappreżentanti arretrati qabel l-1990 (li l-imħarrek ma jagħmel l-ebda lment dwarhom) u kif ukoll € 226.30 rappreżentanti l-ħlas għall-kiri (*meter charges*) u xogħlijiet ta' tiswija li jkopru ż-żmien tal-kont mertu tal-każ. Meta wieħed jgħodd dawn kollha, jasal għas-somma ta' elf tmin mija u tlieta u tmenin ewro u għaxar ċenteżmi (€ 1,883.10) bħala l-ammont li l-imħarrek għandu jħallas lill-kumpannija attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad l-ewwel u biċċa mir-raba' eċċezzjonijiet** tal-imħarrek, imma tilqa' dik il-parti tar-

30 2.10.2003 f'paġġ. 150 – 3 tal-proċess u 14.10.2004, f'paġġ. 164 – 6 tal-proċess
31 Dok "PB4", f'paġ. 147 tal-proċess
32 Paġ. 6 tal-proċess
33 (1102 + 551 + 2097 + 3736 + 180 + 232)/6 = 1316
34 €5189.28 – (€3176.36 + € 157.82) = € 1855.10 / 4 = € 463.80

raba’ eċċezzjoni fejn jikkontesta l-ħsarat fil-linja telefonika tiegħu;

**Tilqa’ limitatament l-ewwel talba** billi tiddikjara li l-imħarrek għandu jħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ elf tmin mija u tlieta u tmenin euro u għaxar ċenteżmi (€ 1,883.10) rappreżentanti l-bilanċ ta’ arretrati ta’ ħlas għal servizz telefoniku mogħti lill-imħarrek bil-linja numru 312476 (qabel kienet 39310) f’appartament numru 2, “Navarro Flats”, Triq tal-Qroqq, fl-Imsida;

**Tikkundanna lill-imħarrek** iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta’ € 1,883.10 kif fuq ingħad, bl-imgħax legali fuq dik is-somma b’seħħ mid-9 ta’ Marzu, 1996, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li, minħabba ċ-ċirkostanzi li rriżultaw, **l-ispejjeż tal-kawża** jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------